**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 74 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Amer Kasem**

**<u>Illum 5 ta' Settembru 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Amer Kasem detenur tal-karta tal-identita Maltija 221460A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-6 ta' Marzu 2022 gewwa Triq Manoel de Vilhena, Gzira;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti professjonali tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq jew għamel xi hsara jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Grace Carmen Azzopardi liema hsara tammonta ghall-295 Euros.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-9 ta' Frar, 2023, fejn fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni ma gietx sufficjentement ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi, u ma sabitx lill-imputat Amer Kasem hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u lliberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Amer Kasem'** u minflok issib ħtija u tinfliġġi piena idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant l-Avukat Generali li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**L-Aggravju:-**

Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar, l-esponenti ircieviet mingħand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassitha aggravata bihom. L-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti: -

**Dwar l-apprezzament tal-provi.**

Permezz tas-sentenza mertu ta' dan l-umli appell, l-appellat ma nstabx hati tal-akkuza dedotta fil-konfront tieghu taht l-artikolu 328 (d) tal-Kap 9. Illi huwa principju stabbilit illi abbazi tal-artikolu 638 (2) tal-Kap 9:

*"... ix-xichda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Riferenza għandha ssir għall-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn ingħad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, dags kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Illi fil-kaz odjern għandna l-vittma Grace Carmen Azzopardi li fix-xhieda taghha skont it- traskrizzjonijiet mibghuta mill-Qorti l-appellat kienet qiegħda tarah hi stess b'għajnejha '*kien qed iwagggha, jaghmel bil-martell u jwaqqali l-gebel fuq il-karozza*'. Ukoll, meta mistoqsi mill-avukat difensur fix-xhieda taghha jekk ratx lill-xi hadd iwaqqa l-gebel fuq il-vettura hija regghet ikkonfermat illi '*Iva rajtu, u kien qed jaghti bil-martell u l- gebel niezlin*'. Hawnhekk m'ghandniex kwistjoni ta' provi cirkostanzjali izda ta' xhud dirett okkulari li sahansitra rat il-gebel niezel minhabba l-akkadut tal-appellat. Barraminnhekk, il- fatt illi mill-affidavit ta' Ps1128 li jinsab a fol 3 tal-atti processwali, hemm li l-appellat Amer Kasem accetta li jiltaqa mal-vittma sabiex jiccekja l-hsarat f'data aktar tard ukoll juri li 1-verzjoni tal-vittma hija veritiera ghalhiex jekk dan l-appellat ma ghamel xejn hazin, ma kellux għalfejn isaqsi ghall-stima tal-hsarat. Huwa ovvju fil-fehma tal-esponenti li dan kellu nvolviment fl-incident.

Hawnhekk mhux talli ghandna kaz fejn il-vittma rat il-fatt isehh b'għajnejha stess, izda wkoll ghandna stima tal-hsarat li hija garrbet. Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti,

hawnhekk il- qorti kellha bizzejjed raguni sabiex issib lill-appellat hati tal-akkuza fil-konfront tieghu.

**<u>Nuqqas ta' sejbien ta' htija.</u>**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti dwar l- imputazzjoni qalet:

> *Stante li l-imputazzjoni ma gietx sufficjentement ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi, ma ssibx lill-imputat Amar Kasem hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.*

Illi l-appellant hass ruhu aggravat illi filwaqt li l-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat minn kull htija u piena, hija ghamlet dan minghajr ma tat l-importanza li kellha tati lill-vittma li kienet ukoll xhud partikolari f'dan il-kaz. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn il-vittma kienet xhud okkulari li rat l-akkadut isehh b'ghajnejha stess. Huwa vera inkredibbli kif persuna li ssostni li l-ħsarat fuq il-karozza kienu hemm qabel taċċetta li tiċċekkja l-ħsarat li għandha l-karozza. Persuna li ma kellha xejn x'taqsam ma azzjoni, ma titlobx għal haga bhal din. Mhux talli l-vittma rat il-gebel jaqa fuq il-karozza taghha, talli hi stess rat lill-appellat jmissila l-karozza u jghidilha 'kemm taghmel ghageb... jmur kollox'. Hawnhekk fl-oppinjoni tal-Avukat Generali l-grad rikjest mill-ligi fil-kamp penali ta' minghajr ebda dubju dettat mir- raguni ntlahaq u b'hekk kellha tinsab il-htija u mhux il-liberatorja.

Hawnhekk l-**artikolu 328 (d) tal-Kap. 9** jghid is-segwenti:

> ***"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'regolamenti, jikkaguna hruq, jew jagħmel xi ħsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jehel, meta***

*jinsab hati-(d) f'kull każ ichor, il-piena ta' prigunerija ghal mhuxiżjed minn tliet xhur jew il- multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:"*

Il-Qorti tal- appell ricentament fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrea Cristina** datata s-6 ta' Jannar, 2023'qalet is-segwenti:

***"Illi sabiex tista'tinsab htija għar-reat addebitat lill-appellant, u cioe' dak tal-ħsara involontarja, kif imfassal fl-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni kondotta volontarja negligenti da parti tal- appellant, liema kondotta trid tkun dovuta għal nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew minħabba nuqqas ta' tharis tarregolamenti. Inoltre, din il-kondotta trid tkun segwita b'ness ta' kawzalita bejn l-aġir tal-awtur tar-reat u l-event dannuż involontarju. Illi kif stabbilit fil-ġurisprudenza, in-negligenza fis-sens tad-dritt penali għandha tkun "such culpable negligence as amounts to criminal misconduct.""***

Ghalhekk fl-oppinjoni tal-Avukat Generali, meta wiehed waqt certu xoghlijiet iwaqqa l-gebel fuq il-vetturi tan-nies u ma jiehux prekawzjonijiet sabiex dan ma jsehhx, dan ikollu kondotta volontarja negligenti li saret ghal nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu. L-elementi kollha ta' dan ir-reat jissussistu fil-kaz odjern. Allahares kull min ikun qieghed jaghmel ix-xoghlijiet relatati mal-bini iwaqqa l-gebel fuq il-karozzi li huma ipparkjati fit-triq ghalhiex kieku ikollna kawza simili kwazi kuljum ghalhiex l-industrija tal- kostruzzjoni f'Malta dejjem tikber! Hawnhekk l-agir tal-awtur tar-reat u l-event dannuz involontarju huwa evidenti mix-xhieda okkulari tal-vittma stess li rat kollox b'għajnejha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jghamlu is-sottomissjonijiet verbali fl-awla quddiem l-istess appellat li kien assistit minn interpret Houto Nazmi.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[1], **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[2] u ohrajn.) Illi, kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Generali.

L-aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *inter alia* l-Appell Kriminali "**Il-Pulizija**

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Gunju 1999
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2003

**vs. Raymond Psaila et.**[3]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs.** George Azzopardi[4]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit** [6] u ohrajn).

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[7] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[8]*"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[9], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[7] ([1969] 1 QB 276)
[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994

*konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina dak kollu li sehh fl-atti u b'mod partikolari tezamina x-xhieda prodotta u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx tasal ghal gudizzju li fil-fatt waslet ghalih. L-kwerelanti **PS 1128** xehed u spjega li nhar is-6 ta' Marzu 2022 ghall-habta tal-11.20 kien hemm il-vettura tal-ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni GCG 973 ipparkjata fi Triq Manoel De Vilhena, Gzira ezatt quddeim Camilleri Funeral Directors International, u Carmen Grace Azzopardi stqarret li sabet is-segwenti hsarat; saqaf, bonnet ta' quddiem u daqqiet fuq n-naha tal-lemin tal-passigier u diversi brix. Tghid li dawn gew kagunati peress li kien hemm haddiema qed jahdmu u ma ghattewx il-vettura taghha u l-bicciet tal-gebel waqghu ghal fuqha.

Ikompli jghid li fit-8 ta' Marzu 2022 Grace Carmen ipprezentat stima ta' madwar €295 minghand David Cassar Borg. Amer Kasem irraporta l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas Sliema fejn stqarr li kull ma ghamlu kien li xkatlaw il-faccata u poggew xi kartun fuq il-vettura biex jghattuha. Gie miftiehem li kellhom jiltaqghu fil-11 ta' Marzu 2022 fl-Ghassa tal-Pulizja ta' tas-Sliema biex jigu verifikati il-hsarat. Appena ra dawn il-hsarat Amer stqarr li ma ghamilx dik il-hsara u li qal li tali hsara kienet hemm minn qabel.

Rat l-istima mahruga nhar it-8 ta' Marzu 2022 minn David Cassar Borg fuq l-vettura Polo numru GCG 973. Rat ukoll l-okkorenza esebita a fol. 8.

**Grace Carmen Azzopardi** xehdet nhar id-9 ta' Frar 2023 kkonfermat li nhar il-Hadd 6 ta' Marzu 2022 kienet ipprezentat rapport l-Ghassa tal-Gzira. Spjegat li kienet marret il-Gzira u pparkjat il-vettura taghha ghall-affari taghha quddiem Tony Camilleri tal-Funerali faccata tal-Ohea Pharmacy ezatt. Marret timxi mal-kelba sa Tas-Sliema. Sa dan it-tant hi u gejja lura iltaqghet ma' xi hbieb u qaghdu jithadtu ma' xulxin ghax kienu ilhom ma jaraw lil xulxin.

Imbaghad waslet f'postha biex terga tmur id-dar u rat zewg haddiema jtambru qisu martellina u rat il-gebel niezel fuq l-karozza taghha. Kienet ser tibda tibki u tghajjat u qaltilhom 'araw x'ghamiltu fuq il-karozza'. Tghid li tkellmet mal-pesuna murija fir-ritratt mmarkat bhala Dok GCA 1 esebit fl-atti a fol. 24. Dan wegibha billi qallha

'b'daqshekk x'fiha'. Qaltlu li dakinhar mhux sippost kienu qed jahdmu ghax kien jum il-Hadd. Dan beda imiss il-karozza u hija talbitu biex ma jmisshiex u baqa' jghorokha u aktar baraxielha. Imbaghad baqghu jahdmu bla permess u mlew l-art kollu.

Mistoqsija jekk kintix gja halset l-ispejjez taghha tghid li le u ghalhekk ricevuti ma kellhiex apparti l-istima. Qalet li imxiet fuq il-parir tal-pulizija u qalulha li qabel ma jkollha l-kawza m'ghandha taghmel xejn minn dan. Tghid li l-akkuzat ma riedx ihallasha u l-pulizija marru jaraw il-hsara u dan fil-presenza tieghu. Tghid li kienu l-pulizija mill-ghassa ta' tas-Sliema li marru jaraw il-hsara.

Tghid li dakinhar l-akkuzat kien qed jghamel xoghol bil-martellina u iwaqqa' l-gebel fuq il-karozza. Mistoqsija jekk ratx lil xi hadd jikkawza din il-hsara tghid li rat lill-akkuzat. Ex admisses tghid " *iva rajtu u kien qed jaghti bil-martellina u l-gebel nizlin.* "

**David Cassar Borg** xehed nhar id-9 ta' Frar 2023 u kkonferma li jahdem bhala *panel beater* fil-garage li jismu George's Garage. Muri d-dokument esebit fl-atti datat 8 ta' Marzu 2022 jghid li dik hi stima mahruga minnu. Jghid li kien ezamina l-vettura GCG 973 u kien ikkalkula li kellha hsara fl-ammont ta' €295. Qal li din kienet l-ewwel darba li kien ra din il-vettura u ghalhekk ma jistax jghid dak li kellha qabel.

Illi dawn huma l-provi li gew akkwesiti. Issa, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[10] Jiġifieri huwa legalment korrett u

[10] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

---

**Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż [11]li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Issa fil-kaz in desamina l-prosekuzzjoni resqet lill-kwerelanti tixhed u tghid dak li kien gara u cioe' li hija halliet il-vettura taghha ipparkjata il-Gzira proprju faccata ta' OHea Pharmacy u meta irrtornat lura sabet li kienet koperta b'gebel. Fil-vicin kien hemm l-akkuzat li kien hemm jahdem bil-martellina u jnaqqar il-hitan kif del resto hu muri mir-ritratti li gew esebit fl-atti. Mistqosija jekk ratx min tefa dan il-gebel fuq il-karozza taghha tghid li kien l-akkuzat u dan ghaliex ratu bil-martellina f'idu u rat il-gebel nizlin. Id-difiza ma resqet l-ebda prova kuntrarja sabiex tipprova ixxejjen ix-xhieda tal-kwerelanti. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'l ghaliex din ix-xhud m'ghandhiex ghalfejn ma titwemminx. Din ix-xhud kienet konsistenti f'dak li qalet meta ghamlet ir-rapport kif ukoll meta iktar tard meta xehdet viva voce quddiem il-Qorti .

Ghalhekk din il-Qorti tara li l-appellant Avukat Generali kellha ragun tintavola appell mid-decisjoni tal-ewwel Qorti u dan ghaliex jirrizulta bic-car ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li kien l-akkuzat appellat li ghamel il-hsara fuq il-vettura tal-kwerelanti tat-tip Polo numru ta' registrazzjoni GCG 973. Ghalhekk din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tiddikjara li ssib lill-appellat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 328 (d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta  tikkundannah multa ta' tlett mitt euro (€300).

[11] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Maria Grech

Deputat Registratur